MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-11 ta' April, 2013

Citazzjoni Numru. 1196/1989/1

**Alfred Mallia, Giuseppa Azzopardi mart Martin Azzopardi, Carmelo Vella, Giuseppe Vella, Joseph Grima, Bartolomew Grima, Carmel Grima, Carmelo Attard u Joseph Grima, (maghruf bhala "Ta' Lazzru") u b'digriet tat-13 t'Awwissu, 1991, l-Qorti ordnat lil Brian Abela biex jassumi l-atti tal-kawza minflok Alfred Mallia, u b'nota tas-16 t'April, 2009, Marin Vella, (I.D. Nru. 186980 (M)), assuma l-atti tal-kawza minflok l-attur Giuseppe Vella li miet fil-mori tal-kawza u Emanuel Attard, (I.D. Nru. 0169756 (M)) assuma l-atti tal-kawza minflok l-attur Carmelo Attard li miet fil-mori tal-kawza**

**vs**

**Alex Vella, President tal-Kazin Santa Marija tal-Mosta, Victor Grech Segretarju, Alfred Magri kaxxier u Joseph Agius, Charles Bonello, Ray Bonavita, Charles Caruana u Joseph Mangion membri tal-istess**

**kazin, u Joseph Cachia Fearne Chairman tal-Planning Area Permits Board, Joe Pirotta, Godwin Cassar, Dennis De Luca, Joe Spiteri, Anton Valentino, Tony Mifsud, Natalino Fenech u Tony Cassar ghan-nom tal-istess P.A.P.B. u b'nota tas-6 ta' Mejju, 2011, il-Ministru tar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali assuma l-atti tal-kawza minflok il-konvenuti Joseph Cachia Fearne, Chairman tal-Planning Area Permits Board, Joe Pirotta, Godwin Cassar, Dennis De Lucca, Joe Spiteri, Anton Valentino, Tony Mifsud, Natalino Fenech u Tony Cassar ghan-nom tal-istess P.A.P.B. u b'digriet tas-17 ta' Gunju, 1991, il-Qorti ordnat il-kjamat fil-kawza tal-Kummissarju tal-Pulizija**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni promotrici datata l-24 ta' Novembru, 1989, li permezz taghha l-atturi hemm indikati sintetikament esponew is-segwenti:

1. Illi l-atturi hemm premessi jallegaw li huma proprjetarji jew parti proprjetarji, skont il-kaz, ta' porzjonijiet minnhom hemm identifikati fil-pjanta a fol 6;

2. Illi l-konvenuti rapprezentanti l-Kazin ta' Santa Marija tal-Mosta bdew xoghlijiet ta' bini ta' kmamar tan-nar kif indikat fl-istess citazzjoni u mmarkata 'X' a fol 6, f'Ras il-Wied, limiti taz-Zebbieh, wara li nghatalhom permess mill-"*Planning Area Permits Board*";

3. Illi skont l-artikolu 4 tat-taqsima 1 tal-Ordinanza dwar l-Esplossivi, Kap 33 tal-Ligijiet ta' Malta, tali fabbrika tal-esplossivi ghandha tkun imbieghda tal-anqas mija u tlieta u tmenin (183) metru minn kull triq li tista' tkun uzata regolarment biex jghaddu minnha vetturi bil-mutur;

4. Illi minn rapport fuq id-distanzi in dizamina jirrizulta li t-toroq uzati ghall-vetturi bil-mutur huma effettivament biss mija u hames (105) metri l'boghod minn tali fabbrika tal-esplossivi;

5. Illi l-atturi juzaw l-imsemmija toroq biex bil-vetturi taghhom u bir-rigel jaccedu ghall-eghlieqi taghhom kwotidjanament;

6. Illi konsegwentement adixxew lil din il-qorti biex din:

i. Tiddeciedi li l-bini tal-fabbrika tan-nar in dizamina qed isir f'distanza anqas minn dik stabbilita mill-ligi *de quo* u ghalhekk in kontravenzjoni tal-Ordinanza dwar l-Esplossivi;

ii. Tiddikjara li l-permess mahrug mill-"*Planning Area Permits Board*" ghall-bini tal-istess kamra tan-nar jikkontravjeni l-istess Ordinanza u ghalhekk, hu null u bla effett;

iii. Bl-ispejjez kif indikati fl-istess citazzjoni promotrici;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet datata t-22 ta' Dicembru, 1989, li permezz taghha l-eccipjenti hemm indikati, (ara fol 11), sintetikament eccepew is-segwenti:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi;

2. Illi ghandhom permess validu tal-bini mahrug regolarment mill-P.A.P.B.;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti hemm ukoll indikati datata l-21 ta' Marzu, 1990, li permezz taghha l-eccipjenti hemm indikati, (ara fol 14), eccepew is-segwenti:

1. Il-karenza ta' fundament guridiku stante li l-"*Planning Area Permits Board*", m'ghandux fil-mansjonijiet tieghu il-gestjoni, il-kontroll jew l-awtorizzazzjoni ta' kmamar tan-nar;

2. Bl-ispejjez;

Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat is-26 ta' Marzu, 1990, li permezz tieghu hatret perit tekniku ghall-iskopijiet hemm indikati, (ara fol 18);

Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat il-15 ta' Mejju, 1991, li permezz tieghu ordnat is-sostituzzjoni tal-perit tekniku b'perit iehor hemm indikat, (ara fol 43 u 55);

Rat il-verbal datat il-5 ta' Mejju, 1995, li permezz tieghu jirrizulta li l-perit tekniku fuq riferit halef ir-relazzjoni tieghu, (ara fol 72);

Illi fir-relazzjoni tieghu l-imsemmi perit tekniku *de quo* sintetikament irrelata bil-mod segwenti:

1. Illi l-permess tal-bini ta' kamra tan-nar mahrug mill-P.A.P.B. ma missux inhareg billi ma jikkonformax ruhu mad-distanza imposta mill-artikolu 4 ta' l-Ordinanza in dizamina;

2. Illi l-konvenuti sostnew li fuq parir ta' perit minnhom imqabbad kien lilhom ikkonfermat li d-distanzi statutorjament imposti kienu qed jigu rispettati, u dan anke kif konfortat minn spezzjoni tal-membri tal-Bord tal-Esplussivi li wara li accedew fuq il-post ivverifikaw li l-ligi kienet qed tigi rispettata;

3. Illi biex jinhareg l-imsemmi permess ghall-fabbrika tan-nar din trid tkun mill-anqas mija u tlieta u tmenin (183) metru 'il boghod minn:

i. Kull post abitat;

ii. Kull triq li tista' tkun uzata regolarment biex jghaddu vetturi bil-mutur minnha;

4. Illi l-permess relattiv inhareg wara d-debita konsultazzjoni mal-awtoritajiet hemm koncernati li taw parir favorevoli biex jinhareg il-permess mitlub;

5. Illi ghalhekk it-talbiet attrici fir-rigward m'humiex fondati peress li d-distanza tal-kamra tan-nar mill-abitat "tikkonforma mad-dispozizzjonijiet tal-ligi li fuqha nhareg il-permess relattiv", (ara fol 104);

Rat id-digriet tal-istess qorti diversament preseduta datat it-8 ta' Gunju, 1995, li permezz tieghu iddirigiet lill-istess perit tekniku biex jikkontrolla l-qies moghti fir-relazzjoni tieghu bil-modalita` hemm indikata, (ara fol 175);

Rat ix-xhieda tal-istess perit tekniku fuq riferit datata t-28 ta' Gunju, 1995, li fiha jsostni s-segwenti:

1. Illi mill-verifiki tal-kejl li hu ghamel irrizulta li dak minnu ndikat fir-relazzjoni tieghu kien zbaljat;

2. Illi d-distanza bejn id-dar ta' l-attur Brian Abela u l-kamra tan-nar in dizamina ghandu jaqra in-nofs dak hemm precedentement indikat, senjatament mija u ghaxar (110) metri, (ara fol 180);

3. Illi d-distanza bejn id-dar ta' Carmelo Attard u l-istess kamra tan-nar hi ta' mija u tnejn u erbghin (142) metru, (ara wkoll fol 180);

4. Illi ghalhekk dawn iz-zewg residenzi hawn indikati ghandhom kejl li ma jippermettix li jinhareg il-permess relattiv ghall-kamra tan-nar *de quo*;

Rat in-nota t'osservazzjonijiet tal-atturi datata l-14 t'Awwissu, 1997, debitament awtorizzata, wara l-appozitu digriet, (ara fol 199), li permezz taghha sintetikament sostnew:

1. Illi wara l-verifika tal-perit tekniku *de quo* jirrizulta pacifiku li d-distanzi relattivi ma jissodisfawx id-dettam statutorju fuq riferit;

2. Illi *di piu`*, dan qieghed jinghad mhux biss fil-kaz tar-residenzi tal-atturi Brian Abela u Carmelo Attard fuq indikati izda anke ghat-toroq involuti;

3. Illi ghalhekk il-permess in dizamina mahrug hu palezement kontra l-ligi;

Rat il-verbal ta' din il-qorti diversament preseduta datat is-16 ta' Dicembru, 1997, li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza, liema verbal rega' gie kkonfermat permezz ta' digrieti ohra sussegwenti, (ara fol 205-211), fejn pero` fl-udjenza tas-6 ta' Lulju, 1999, issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza, (ara fol 213);

Rat in-nota tal-kjamat in kawza datata l-1 ta' Novembru, 2000, li permezz tieghu eccepixxa sintetikament is-segwenti:

1. Illi l-permessi mahruga saru skont il-ligi;

2. Illi ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

Ezaminat ix-xhieda kollha prodotta u mismugha minn din il-qorti kemm diversament preseduta kif ukoll kif issa preseduta flimkien mad-dokumenti kollha esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-21 ta' Gunju, 2012, li permezz tieghu awtorizzat li t-trattazzjoni ssir kemm b'mod skritt kif ukoll oralment fit-termini hemm indikati;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet li l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet ghogobhom jissottomettu, (ara fol 409 u 417);

Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi ghalkemm din il-procedura hadet perjodu skonsiderat biex tigi deciza in *prim' istanza*, haga tassew deplorevoli u li din il-qorti kif preseduta tiskuza ruhha mal-partijiet ghal dan id-dewmien kollu, ghandu jinghad li l-problematika sollevata qatt ma kellha tohloq dan id-dewmien kollu, *molto piu`*, meta l-vertenza giet kjarament delineata mill-espert tekniku su riferit;

Illi din il-qorti kif preseduta rat ir-relazzjoni peritali *de quo*, kif korretta mill-istess perit tekniku fuq sollecitazzjoni tal-qorti diversament preseduta u ghalhekk tiddikjara li m'ghadnha l-ebda raguni ghaliex ma tistriehx fuq l-istess rizultanzi prodotti in atti;

Illi kif rilevat fl-istess eskussjoni tal-perit tekniku *de quo*, ir-residenzi tal-atturi Brian Abela u Carmel Attard, u t-toroq adjacenti jaqghu fil-limiti tal-Ordinanza in dizamina u allura, l-P.A.P.B. u l-Kummissarju tal-Pulizija qatt ma setghu jikkoncedu l-*fiat* taghhom biex jinhareg permess validu ghall-bini tal-kamra tan-nar *de quo*;

Illi ghalhekk l-izvilupp tal-bini tal-kamra tan-nar in dizamina hu palezement in vjolazzjoni tal-artikolu 4 tal-Ordinanza *de quo* fuq indikata;

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, din il-qorti hi tal-fehma li l-atturi pprovaw il-kaz taghhom skont il-ligi u konsegwentement, filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha sollevati kontra t-talbiet attrici, kemm mill-konvenuti kif ukoll mill-kjamat in kawza fuq indikat:

1. Tiddeciedi li l-bini tal-fabbrika tan-nar in dizamina fuq indikata nbniet f'distanza anqas minn dik stabbilita mill-ligi *de quo* u hi ghalhekk in kontravenzjoni tal-Ordinanza dwar l-Esplossivi;

2. Tiddikjara li l-permess mahrug mill-"*Planning Area Permits Board*" ghall-bini tal-istess kamra tan-nar jikkontravjeni l-istess Ordinanza u ghalhekk hu null u bla effett;

3. Bl-ispejjez kif indikati mill-atturi fuq indikati fic-citazzjoni promotrici kontra l-konvenuti u kontra l-kjamat in kawza *in solidum*.

____________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------